MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2011

Numru 1107/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**KONTRA**

**JOSEPH GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Galea ta' 58 sena, bin Lawrence u Catherine nee' Ellul, mwieled Tarxien nhar il- 21 ta' Mejju 1953, residenti 4, Triq it- Tramuntant, Birgu u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 400153M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Fit- 30 ta' Settembru 2011 u fil- granet ta' qabel din id- data, gewwa l- Kalkara, il- Birgu u fi bnadi ohra gewwa dawn il- gzejjer bhala l- persuna li zamm jew qabel li jzomm xi animal u cioe' kelb, gieghel lill- istess isofri wgiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

2) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm ghandu animal u cioe' kelb u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq tieghu;

3) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu klieb minghajr il- licenzja tal- Kummissajru tal- Pulizija;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2011, filghodu,

instabet kelba tar-razza boxer mormija hajja go borza sewda fi skip tal-iskart, taht munzelli ta' skart iehor. Instabet hajja, izda mietet ftit tal-hin wara. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija, irrisulta li l-kelba kienet proprjeta' ta' Joseph Galea, l-imputat f'din il-kawza. Hu gie arrestat u interrogat mill-Ufficjal Investigattiv, u fl-istqarrija li giet rilaxxata minnu hu ammetta li kien rema l-kelba tieghu fl-iskip. F'din l-istqarrija esebita fl-atti l-imputat jaghti d-dettalji tal-ghemil tieghu, kif il-kelba kienet marida u kif qieghedha f'karretta u remiha fi skip il-Kalkara il-Hamis filghaxija. Ghalhekk din il-kelba ghamlet madwar tnax-il siegha fil-borza tal-iskart fl-iskip, biex mietet ftit wara li nstabet.

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti tista' ghalhekk tghaddi minnufih biex taghti s-sentenza u ssib htija fl-imputat, u tikkonsidra l-piena ghal dan l-agir. Il-Qorti m'ghandhiex triq facli quddiemha, bhal del resto f'kull kaz illi jkollha fejn trid tigi kkalibrata l-piena idoneja. Min-naha l-wahda, ghandna twettiq ta' reat relattivament gdid fil-ligijiet tal-pajjiz. Min-naha l-ohra, ghandna att insensat ta' krudelta' u kefrija fuq holqien haj. Inoltre, il-Qorti trid tibbilancja l-istmerrija pubblika li qamet f'dawn il-jiem, mal-proporzjon tal-hruxija tal-att innifsu imwettaq minn persuna. Min-naha wahda, il-Qorti hija konxja li trid taghti messagg car lis-socjeta' li reati bhal dawn huma kundannabbli minghajr riserva, u min-naha l-ohra trid izzomm quddiem ghajnejha lill-imputat u l-hsieb wara dan l-agir tieghu. Il-Qorti tipprova tifhem, u tahder, lil min jasal biex jarmi annimal haj u jitilqu jmut bil-mod. Fil-verita', izda, ma tantx hemm x'tifhem. Att bhal dan hu insensat u atroci. Ma jaghmel ebda sens li annimal marid ma tippruvax almenu tfejqu, anke jekk m'ghandekx mezzi. Ma jaghmel ebda sens li thalli annimal imut bil-mod, jifga minghajr ossigenu ghal madwar tnax-il siegha, minnflok ma titlob l-assistenza tas-servizzji veterinarji tal-gvern, jew tal-ghaqdiet volontarji li jharsu l-annimali, jew addirittura tal-Pulizija stess. Ukoll ma jaghmel ebda sens li din il-kelba ttiehdet go karretta mil-Birgu sal-Kalkara fit-800pm ta' bil-lejl fid-dlam, u tintrema' fi skip f'borza sewda li fiha jintrema l-iskart domestiku. Huwa evidenti ghall-Qorti li l-imputat ried jahbi ghemilu u ma jaghti ebda ghinuna lill-

kelba tieghu, kif kien fid-dmir u r-responsabbilta’ li jaghmel.

Ghalhekk, ghal dak li jirrigwarda piena, il-Qorti sejra taghmel riferenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet “Pul. V. Alfred Vella”, deciza fil-21 ta’ Gunju 2011:

“Ili il-Qorti ser taghmel ampja referenza ghal dak mistqarr mill-Prim’Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali Il-Pulizija vs Maurice Agius deciza fit-13 ta’ Dicembru 2009 fejn esprima bl-iktar mod koncis dak li ghandu iwassal gudikant ghal gudizzju tieghu dwar il-piena:

***“Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b’mod li l-istat ma jinkorrix f’aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta’ sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x’indikazzjonijiet hemm li hija tista’ terga’ tikkommetti reat iehor (simili jew ta’ xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta’ jekk sentenza ta’ prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta’ reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta’ dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta’ dawk li, ma’ kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f’xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza R v. Sargeant*** *:*

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*.""**

Illi ghalhekk, il-Qorti trid tkun ben konxja tal-opinjoni pubblika fuq il-materja ta' mohqrija fuq annimali, izda ma tridx tithalla li titmexxa minn tali opinjoni pubblika. Inkella l-Qrati taghna jsiru qrati tal-pjazza, fejn jirbah min ghandu l-aktar sahha u l-akbar folla. Il-gustizzja titlob li jinstemghu z-zewg nahat tal-istorja, u l-imputat, fil-fehma tal-Qorti, ftit li xejn ighin lilu nnifsu b'dak li jghid fl-istqarrija tieghu. In verita', li kieku ma kienx ghall-intervent ta' zewg persuni li kumbinazzjoni kienu ghaddejjin minn fejn l-iskip u semghu 'l-kelba tinghi minn taht il-boroz tal-iskart, kieku hadd ma' kien jinduna li kienet giet mirduma hajja taht l-iskart. Ghalhekk, dan ir-reat gie mikxuf b'kumbinazzjoni, u ta' dan l-imputat ghandu x'iwiegeb. Il-piena f'dan il-kaz ghandha tkun, fil-fehma tal-Qorti, qrib kemm jista' jkun tal-massimu, jigifieri qrib tal-multa massima ta' tletin elf Ewro u prigunerija massima ta' sena. Il-Qorti mhix sejra taghti l-massimu ghas-semplici raguni li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, u ghandu fedina penali kwazi netta f'ghajnejn il-ligi. Madankollu s-sentenza ghandha tirrispekkja l-kattiverja mwettqa fuq dik il-kelba, u ghadha sservi biex tibghat messagg car u univoku lis-socjeta' fejn jidhol l-obbligu tal-harsien xieraq tal-annimali.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 8(2), 8(3) tal- Kapitolu 439 u Artikolu 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' ghoxrin elf ewro

(€20,000), kif ukoll tikkundannah terminu ta’ disa’ (9) xhur prigunerija.
Tordna s- sekwestru tal- klieb proprjeta’ tal-imputat favur id- Direttorat ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------